MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 94/2018/1 LM

**Tarcisio Agius (K.I. Numru 534152M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat, hawnhekk "l-appellant", **il-Kummissarju tal-Pulizija**, minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fl-1 ta' April, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha t-Tribunal laqa' l-

appell tar-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Tarcisio Agius** minn deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-22 ta' Ġunju, 2018, li kienet tgħid li r-rikorrent ma kienx eliġibbli biex jingħata liċenzja ta' gwardjan privat. It-Tribunal talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jerġa' jikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu, wara li t-Tribunal ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li r-rikorrent għandu jiġi mċaħħad milli jingħata liċenzja biex jaħdem bħala gwardjan privat.

## Fatti

2. Ir-rikorrent applika mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jikseb liċenzja ta' gwardjan privat, iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda *ai termini* tal-artikoli 10(a)(i) u 10(b) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali, u dan wara li r-rikorrent ippreżenta l-fedina penali tiegħu, u ġie stabbilit li madwar għaxar snin qabel applika għal liċenzja ta' gwardjan lokali, l-istess rikorrent kien instab ħati ta' reat u weħel terminu ta' priġunerija effettiv u multa.

## Mertu

3. Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li huwa mhux eliġibbli sabiex jingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) u tal-artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' rikors li tressaq minnu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni

Amministrattiva. Ir-rikorrent irrikonoxxa li filwaqt li deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tiegħu ngħatat fil-11 ta' Ġunju, 2010, u huwa kien ġie kkundannat sena priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €450, huwa kien patta għall-iżball tiegħu, u issa qiegħed japplika sabiex jingħata din il-liċenzja minħabba li għandu bżonn impjieg. Ir-rikorrent saħaq li tul is-snin huwa kien irriforma ruħu, u qiegħed jaħdem b'mod attiv fil-komunità sabiex ħaddieħor jibbenefika mill-esperjenzi negattivi li huwa kellu f'ħajtu.

4. L-intimat wieġeb li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li hemm raġunijiet biżżejjed li jiġġustifikaw id-deċiżjoni li r-rikorrent ma jingħatax il-liċenzja li applika għaliha, u dan wara li applika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(a)(i) u 10(b) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali. L-intimat qal li r-rikorrent kien instab ħati li żamm jew li eżerċita jew kellu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' lokal iffrekwentat għal skopijiet ta' prostituzzjoni, u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkundannatu għal sena priġunerija u għall-ħlas ta' multa rigward dan ir-reat. L-intimat qal li r-reat li tiegħu r-rikorrent kien instab ħati huwa meqjus bħala reat gravi *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, u dan id-dispost tal-liġi jagħti lill-Kummisarju tal-Pulizija mhux biss setgħa diskrezzjonarja, iżda jimponi fuqu l-obbligu li jirrifjuta l-ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenzja f'każ li jinstab li tissussisti xi waħda mis-sitwazzjonijiet maħsuba taħt is-subartikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389. L-intimat saħaq li mhux fl-interess tal-pubbliku li persuna bħar-rikorrent jingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat, u meta persuna bħar-rikorrent jingħata liċenzja bħal din, il-Kummissarju

tal-Pulizija ma jkun jista' jeżerċita l-ebda kontroll dwar il-postijiet li r-rikorrent ikun jista' jmur jaħdem fihom. Żied jgħid li d-diskrezzjoni li jgawdi l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiddetermina jekk persuna għandhiex tingħata liċenzja bħal din meta jkollha ċerti reati fil-fedina penali tagħha, trid tittieħed fl-interess pubbliku. Il-Kummissarju tal-Pulizija żied jgħid ukoll li t-Tribunal ma jistax jordnalu jagħti tali liċenzja lir-rikorrent minħabba li l-kompetenza tat-Tribunal hija limitata biss għar-reviżjoni ta' deċiżjonijiet amministrattivi li jittieħdu.

5. It-Tribunal sema' diversi xhieda, fosthom lir-rikorrent innifsu li qal li huwa applika sabiex jingħata liċenzja ta' *security guard* wara li ilu diversi snin li skonta l-piena karċerarja imposta fuqu. Qal li wara li skonta din il-piena, huwa rriforma ruħu u għamel ħafna xogħol b'risq is-soċjetà, fosthom xogħol volontarju u ħidma maż-żgħażagħ sabiex dawn jitbiegħdu minn sitwazzjonijiet li jistgħu jwassluhom il-ħabs.

Ir-rikorrent ippreżenta wkoll xi referenzi tal-karattru tiegħu, fosthom waħda mogħtija mis-Sindku tal-Gżira, **Conrad Borg Manché**, li qal li r-rikorrent huwa persuna li rnexxielu jerġa' jintegra fis-soċjetà minkejja dak li għadda minnu, u llum il-ġurnata huwa raġel li jagħmel ħafna xogħol volontarju b'risq l-anzjani u t-tfal fil-komunità. Referenzi oħra ngħataw minn diversi qassisin li lkoll ikkonfermaw li r-rikorrent illum irriabilita ruħu u jagħmel ħafna xogħol ta' siwi fil-komunità.

**Charles Mifsud**, mill-Fondazzjoni RISE, li hija organizzazzjoni li tagħmel xogħol mal-priġunieri sabiex tgħinhom jintegraw mill-ġdid fis-soċjetà, qal li minkejja li r-rikorrent għamel xi żmien jgħix f'*shelter* għan-nies li m'għandhomx fejn joqogħdu, tul is-snin huwa ra li r-rikorrent għamel ħafna progress f'ħajtu, u dan jagħmel ħafna xogħol volontarju li permezz tiegħu jgħin diversi persuni fis-soċjetà.

L-**Ispettur Sarah Magri**, fix-xhieda tagħha kkonfermat li r-reat li nstab ħati tiegħu r-rikorrent permezz tas-sentenza tal-11 ta' Ġunju, 2010, kien l-uniku reat li r-rikorrent qatt ġie investigat dwaru. Din ix-xhud qalet li wara li l-Pulizija raw il-fedina penali tar-rikorrent, huma ma ħassewx il-ħtieġa li jibagħtu għalih u jitkellmu miegħu.

Quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata kopja tal-ittra mibgħuta lir-rikorrent mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Ġunju, 2018, li permezz tagħha r-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal liċenzja ta' gwardjan privat kienet qiegħda tiġi rifjutata *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) u tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' April 2019, it-Tribunal ikkonkluda u ddeċieda li jannulla u jirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-22 ta' Ġunju 2018,

bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju intimat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat li rrifjuta li joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat abbażi tal-artikolu 10 (a)(i) u artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali).*

***Ir-rikorrent** xehed illi kien serva sena priġunerija wara li kien instab ħati abbażi ta' deċiżjoni li ngħatat fl-2010. Jispjega illi huwa rriabilita ruħu u jagħmel anke xogħol komunitarju fil-lokalità fejn joqgħod u anke għamel diskussjonijiet dwar l-integrazzjoni ta' eks priġunieri fis-soċjetà.*

***Conrad Manché,** Sindku tal-lokalità tal-Gżira, xehed illi r-rikorrent jagħi daqqa t'id fl-attivitajiet tal-Kunsill kull meta jkun hemm bżonn. Jispjega li skont hu r-rikorrent għamel l-almu tiegħu biex jirriforma ruħu fis-soċjetà.*

***Charles Mifsud** stqarr illi huwa Direttur tal-Fondazzjoni RISE li hija organizzazzjoni non-governattiva u li r-rikorrent kien ilu jafu xi għaxar snin meta wara li l-istess rikorrent ħareġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin mar għamel xi żmien jgħix fix-xelter immexxi mill-Fondazzjoni. Jispjega li r-rikorrent għamel ħafna progress minn meta kien fil-Faċilità tant li huwa stess ħadu jagħmel taħdidiet lil żgħażagħ fuq is-suġġett tal-prevenzjoni.*

***L-Ispettur Sarah Magri**, in rappreżentanza tal-Kummissarju intimat, xehdet illi l-uniku kundanna fil-konfront tar-rikorrent kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 11 ta' Ġunju 2010 (esebita bħala Dokument SM1 a fol. 32). Xehdet illi r-rikorrenti kien instab ħati fuq l-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Mistoqsija jekk qabel tinħareġ jew tiġi rifjutata liċenzja il-Kummissarju intimat tkellimx mal-applikant, ix-xhud wieġbet li kien hemm każijiet fejn dan sar però f'dan il-każ partikolari ma nħassx il-bżonn li dan isir meta raw it-tip ta' reat li tiegħu instab ħati l-applikant.*

***Ikkunsidra:***

*Illi artikolu 10 (a) u (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar Gwardjani Lokali Privati u Uffiċjali tal-Komunità), jgħid is-segwenti:-*

*"Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) Meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant –*

*(i) Tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi* ***delitt gravi ieħor;***

*(ii) Tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mux adattat; jew*

*(iii) Tkun tkeċċiet mill-Pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew*

*(iv) Tkun uffiċjal pubbliku ħlief uffiċjal li jkun appartenenti għal grad jew kategorija kif jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizzi tal-ħabs; jew*

*(v) Tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames snin minn meta jsir id-delitt; jew*

*(vi) Tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi reat li jaffettwa l-bon ordni tal-familji;*

*(b) Meta dan jikkunsidra li jkun fl-****interess pubbliku*** *li jirrifjuta dik il-liċenzja."*

*Illi l-Kummissarju intimat ibbaża r-rifjut tiegħu abbażi ta' sentenza waħda li ġiet ippronunzjata fil-konfront tar-rikorrent fil-11 ta' Ġunju 2010 fejn kien instab ħati tar-reat li kellu sehem flimkien ma' oħrajn f'lokal li kien iffrekwentat jew magħdud bħala li kien iffrekwentat għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali oħra. Għal dan ir-reat ir-rikorrent serva sena priġunerija u kkundannat għall-ħlas ta' multa ta' erba' mija u ħamsin euro (€450).*

*Illi r-rikorrent u x-xhieda mressqa minnu taw stampa pożittiva tar-rikorrent u li wara li ħareġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin huwa għamel ħafna xogħol volontarju, inkluż dwar il-prevenzjoni biex wieħed ma jispiċċax fis-sitwazzjoni li spiċċa hu.*

*Illi jirriżulta illi fil-każ odjern il-Kummissarju intimat ikkunsidra r-reat li tiegħu nstab ħati r-rikorrent bħala delitt gravi* ai termini *tal-artikolu 10 (a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk ma setax joħroġ il-liċenzja ta' gwardjan privat fil-*

*konfront tar-rikorrent. Illi għalhekk it-Tribunal irid jeżamina jekk il-Kummissarju kienx raġonevoli meta kklassifika r-reat li nstab ħati tiegħu r-rikorrent bħala "delitt gravi". Illi fl-opinjoni tat-Tribunal il-gravità ta' reat tista' tkun kemm soġġettiva u kif ukoll oġġettiva. Naturalment hawnhekk wieħed irid jevalwa l-gravità b'mod oġġettiv għaliex kull reat, ikun żgħir kemm ikun żgħir, huwa soġġettivament gravi għal min jissubih. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-liġi kriminali nnifisha tagħti skala tal-gravità ta' reat bil-pieni rispettivi għal kull reat.*

*Illi jekk wieħed jara l-artikolu 10 (a)(i) isib li fih hemm imsemmija reati bħal* ***omiċidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna jew xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont jew bil-vjolenza.*** *Illi l-omiċidju volontarju huwa punit b'piena massima ta' priġunerija għal għomor. Id-delitt ta' offiża gravi fuq il-persuna huwa punit b'massimu ta' għaxar snin, filwaqt li delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont u bil-vjolenza huwa punit b'massimu ta' ... Dawn it-tip ta' delitti jġorru magħhom piena li tmur oltre l-massimu ta' sentejn (2) priġunerija li biha huwa punit ir-reat in diżamina. Illum il-ġurnata dan ir-reat huwa ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u l-piena massima karċerarja tiegħu hija identika għar-reat ta' ferita ħafifa. Dan ma jneħħi xejn mis-serjetà la tar-reat in diżamina u lanqas tar-reat ta' ferita ħafifa. Però dan it-Tribunal ma jħossx illi dan ir-reat jista' jiġi ekwiparat ma' omiċidju volontarju, offiża ta' natura gravi jew mad-delitt ta' serq aggravat bl-ammont jew bil-vjolenza. Għaldaqstant it-Tribunal iħoss illi meta l-Kummissarju jkun qiegħed jirrifjuta applikazzjoni bħal dik odjerna irid jekwiparaha mad-delitti msemmija fl-istess sub-inċiż. Il-gravità ta' reat titkejjel ukoll mill-piena marbuta mal-istess reat. Kif diġà ntqal aktar 'il fuq il-piena għar-reat in diżamina hija ferm inqas mill-piena marbuta mar-reati msemmija fl-istess subinċiż u allura l-gravità tal-istess reat ma tistax tiġi ekwiparata mal-istess reati.*

*Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-Kummissarju intimat ma kienx raġonevoli meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent a bażi tal-artikolu 10 (a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-Kummissarju intimat irrifjuta l-applikazzjoni de quo wkoll a bażi tal-artikolu 10(b), u ċioe fl-opinjoni tiegħu ma kienx fl-interess pubbliku li r-rikorrent jingħata liċenzja għal gwardjan privat.*

*Illi t-Tribunal jirrileva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu każ bħal dak odjern huwa tabilfors irid jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu dwar kif se jżomm bilanċ bejn l-interess*

*pubbliku u d-dritt li l-applikant jeżerċita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa prinċipju assodat li "*a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."[1] *Fis-sentenza **Associated Provincial Picture Houses Ltd vs Wednesbury Corporation** (1948) 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li: "*it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in **Short *vs* Poole Corporation** gave the example of the red haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another, it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another."[2]

*Illi minħabba n-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu pprestati minn Gwardjan Privat*[3] *huwa loġiku u leġittimu li l-għoti u t-tiġdid ta' tali liċenzji jiġi kkunsidrat l-aspett tal-interess pubbliku u li deċiżjoni mogħtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpinġi fuq tali konsiderazzjoni u hu neċessarju li jkun hemm evalwazzjoni appożita jekk l-applikant hux persuna idonea* o meno *għal tali pożizzjoni mill-awtorità regolatriċi konċernata, f'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija.*

[1] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F.Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
[2] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F.Forsyth, 10th Editon, pg. 303.
[3] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389.

*Illi mix-xhieda mressqa mir-rikorrent ma jirriżultax illi r-rikorrent għandu xi kwalitajiet li huma ta' detriment għas-soċjetà in ġenerali. Anzi pjuttost bil-kontra in vista li wara li ħareġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ipprova kemm jista' jkun jipperswadi nies u żgħażagħ iżommu 'l bogħod mill-kriminalità. Illi l-Kummissarju intimat straħ biss fuq is-sentenza ċitata aktar 'il fuq, liema reat ir-rikorrent jirriżulta li wettaq fis-sena 2003 u fix-xhud preċedenti. Illum ninsabu fis-sena 2019 u ċioe oltre sittax-il sena minn meta ġie mwettaq ir-reat. F'dawn is-snin kollha ma jirriżultax illi r-rikorrent qatt reġa' xellef difrejh mal-ġustizzja jew inkella kellu xi aġir abnormali li jirrendih xi theddida għas-soċjetà. Kif diġà ingħad, pjuttost il-kontra. Għaldaqstant it-Tribunal iħoss illi anke minn dan il-lat id-deċiżjoni appellata ma hix waħda raġonevoli.*

*Madanakollu t-Tribunal jirrimarka illi huwa jista' biss jannulla d-deċiżjoni appellata u mhux joħroġ il-liċenzja ta' gwardjan privat jew jordna lill-Kummissarju intimat joħroġ l-istess liċenzja. Għaldaqstant, filwaqt li qiegħed jirrevoka l-istess deċiżjoni, jistieden lill-Kummissarju intimat jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jannulla u jirrevoka d-deċiżjoni appellata datata 22 ta' Ġunju 2018.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju intimat."*

## L-Appell

7. L-intimat ippreżenta appell mid-deċiżjoni appellata fit-22 ta' April, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... tilqa' dan l-appell u tirriforma u tvarja s-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet hawn fuq premessi billi tiċħad is-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet hawn fuq premessi billi tiċħad is-sentenza fejn laqgħet it-talba limitatament għall-ħruġ tal-liċenzja taħt*

*l-artikolu 10 (a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat."*

8. L-appellant jgħid li filwaqt li huwa jaqbel ma' dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tgħid li l-Kummissarju intimat ma jistax jiġi ordnat joħroġ il-liċenzja li applika għaliha r-rikorrent, u filwaqt li qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tat-Tribunal dwar l-artikolu 10(b) tal-Kap. 389, żied jgħid li huwa ħass ruħu aggravat minn dik il-parti tas-sentenza fejn ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tiegħu, filwaqt li ntlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent appellat. L-appellant jgħid li l-aggravju jikkonsisti fl-applikazzjoni żbaljata tal-liġi, għaliex ir-reat kommess mill-appellat kellu jitqies bħala reat gravi u għalhekk jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389. L-appellant sostna li ladarba huwa raġonevolment ħass li r-reat kommess mill-appellat kien wieħed gravi, u ladarba l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 huwa wieħed tassattiv, huwa ma kellu l-ebda għażla oħra għajr li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellat. L-appellant żied jgħid li t-Tribunal kemm-il darba ppronunzja ruħu dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, u dwar il-fatt li dan ma jħalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiddeċiedi jekk applikazzjoni għal liċenzja ġdida ta' gwardjan privat jew it-tiġdid ta' tali liċenzja għandhomx jintlaqgħu jew le. L-appellant qal li t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qies li l-piena massima tar-reat kommess mill-appellat hija ferm inqas mill-piena massima applikabbli għar-reati l-oħra msemmija fl-artikolu 10(a)(i), jiġifieri l-piena għall-omiċidju volontarju, għall-offiża gravi fuq il-persuna u għall-offiża ta' delitt kontra l-proprjetà aggravata bl-ammont jew bil-vjolenza. L-appellant

qal iżda li huwa ma jaqbilx ma' din il-konsiderazzjoni, u meta wieħed jagħmel evalwazzjoni tal-gravità ta' reat, wieħed ma jistax iqis biss il-piena applikabbli għal dak ir-reat. L-appellant żied li l-ekwiparazzjoni tal-pieni applikabbli għar-reati mhijiex biżżejjed, u mhijiex l-unika konsiderazzjoni li għandha ssir mill-appellant meta jiġi biex jevalwa jekk reat jimmeritax li jkun ikkunsidrat bħala reat gravi jew le. L-appellant qal li r-reati msemmija fl-artikolu 10 (a)(i) tal-Kap. 389 ma jġorrux kollha l-istess piena, u lanqas ma jista' jingħad li dawn għandhom piena simili għal xulxin. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu ir-*ratio legis* wara l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 mhijiex ibbażata fuq il-piena applikabbli għar-reat, iżda hija aktar ibbażata fuq in-natura tar-reat innifsu, u spjega li fil-fatt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 speċifikament jinkludi r-reat ta' omiċidju volontarju, iżda ma jsemmix l-omiċidju involontarju, li jġorr l-istess piena bħal uħud mir-reati l-oħra msemmija f'dan l-artikolu tal-liġi. L-istess jista' jingħad għar-reati kontra l-proprjetà, fejn l-uniċi żewġ aggravanti msemmija huma l-ammont u l-vjolenza, u dan minkejja li wħud mill-agggravanti l-oħra jġorru piena li tista' tiġi ekwiparata ma' dik ta' reati oħra msemmija fl-istess artikolu tal-liġi. L-appellant għamel riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Agius *vs.* Kummissarju tal-Pulizija**, mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Rik. Nru 28/2015), fejn it-Tribunal qies li sewqan traskurat taħt l-effett ta' sustanzi jew tax-xorb ukoll jammonta għal reat gravi minħabba li dan jista' jwassal għal konsegwenzi serji fuq vittmi innoċenti, u dan minkejja li tali reat jattira piena massima ta' sena priġunerija. L-appellant sostna li r-reat li l-appellat instab ħati tiegħu, kien jimmerita li jiġi kkonsidrat bħala reat gravi

taħt l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, u dan in vista tal-fatt li l-appellat kellu sehem ċentrali fl-immaniġġjar ta' stabbiliment li nstab li kien qiegħed jintuża għal skopijiet ta' prostituzzjoni, il-fatt li huwa ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija effettiva għal sena, il-fatt li dan ir-reat iġorr miegħu piena massima ta' sentejn priġunerija, kif ukoll il-fatt li mhux eskluż li ladarba l-appellat jikseb il-liċenzja ta' gwardjan privat huwa jista' jintbagħat jaħdem bħala gwardjan ma' stabbilimenti tad-divertiment, fejn ikun hemm nies vulnerabbli u fejn l-attività tista' twassal għat-traffikar ta' persuni, u l-fatt li dan ir-reat huwa wieħed immorali għall-aħħar. Spjega li kienu dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li wasslu lill-Kummissarju tal-Pulizija jiddeċiedi li dan ir-reat huwa wieħed gravi *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389. L-appellant sostna li ladarba huwa wasal għall-konklużjoni li dan ir-reat huwa wieħed gravi, ma kellux għażla oħra għajr li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellat għaliex l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 huwa wieħed tassattiv u jobbligah jirrifjuta tali applikazzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija, tenut kont tar-risposta tal-appellant u fid-dawl tas-sentenza appellata.

*L-aggravju waħdieni: interpretazzjoni żbaljata tal-liġi*

L-aggravju waħdieni tal-appellant huwa li t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta ddeċieda li r-reat li l-appellat instab ħati li wettaq m'għandux jitqies bħala reat gravi *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, u dan wara li kkonsidra li l-piena li jġorr dan ir-reat hija ferm inqas mill-piena massima li jattiraw il-kumplament tar-reati kkontemplati fl-istess artikolu tal-liġi. L-appellant sostna li l-applikazzjoni tal-appellat sabiex jingħata liċenzja ta' gwardjan privat ġiet rifjutata abbażi tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, li jgħid li l-Kummissarju tal-Pulizija għandu jirrifjuta applikazzjoni bħal din meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu ser jiġu pprovduti mill-applikant, tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor, ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jkun jeċċedi €2,329.37, jew bil-vjolenza, jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika, jew ta' xi delitt gravi ieħor. L-applikazzjoni tal-appellat ġiet ikkunsidrata wkoll *ai termini* tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389, li jagħti lill-Kummissarju tal-Pulizija s-setgħa li juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jirrifjuta liċenzja bħal din jekk jemmen li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta tali liċenzja. L-appellant sostna li l-appellat kien instab ħati ta' reat li flimkien ma' terzi kellu sehem f'lokal li kien iffrekwentat jew magħdud bħala li kien iffrekwentat għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali oħra. L-appellant kien ikkonsidra li l-appellat kien instab ħati ta' reat gravi *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 u kien għalhekk li rrifjuta li jagħtih il-liċenzja. L-

appellant issottometta li sabiex jiġi kkunsidrat l-għoti ta' liċenzja ta' gwardjan privat, trid tiġi ppreżentata l-fedina penali tal-applikant, mhux biss iċ-ċertifikat tal-kondotta tiegħu, u l-applikazzjoni tal-appellat ġiet evalwata fid-dawl ta' dak li huwa ġie kkundannat għalih, jiġifieri li huwa kellu sehem fit-tħaddim ta' burdell, għal liema reat l-appellat kellu jiskonta piena karċerarja. L-appellant saħaq li huwa għandu l-obbligu jassigura li jintlaħaq bilanċ bejn il-jedd tal-appellat li jaħdem billi jikseb liċenzja, u l-interess pubbliku, u sostna li l-għoti ta' tali liċenzja iġorr miegħu piż u responsabbilità da parti ta' min jirrakkomanda li għandha tingħata. Spjega li fil-fehma tiegħu, ir-reat li kien instab ħati li kkommetta l-appellat ma jistax jitqies għajr li huwa "reat gravi" u għalhekk dan kien jimponi fuqu l-obbligu li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellat.

Min-naħa tiegħu l-appellat sostna li huwa qatt aktar ma reġa' xellef difrejh mal-ġustizzja wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali konsegwenza ta' liema huwa kellu jiskonta piena effettiva ta' priġunerija, u wara dan ir-reat li seħħ aktar minn sittax-il sena ilhu, huwa rriforma ħajtu b'diversi modi, fosthom billi anki jmexxi diskussjonijiet sabiex iħeġġeġ liż-żgħażagħ iżommu 'l bogħod mill-vizzji u mill-kriminalità.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qal it-Tribunal f'deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Jannar 2018, fl-ismijiet **Jonathan Cauchi *vs.* Kummissarju tal-Pulizija**, fejn dwar ix-xogħol ta' gwardjan privat u l-liċenzja li applika għaliha l-appellat intqal hekk:

> *"Illi minħabba n-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu pprestati minn gwardjan privat huwa loġiku u leġittimu li fl-għoti u t-tiġdid ta' tali liċenzja jiġi kkunsidrat l-aspett tal-interess pubbliku u li deċiżjoni mogħtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpinġi fuq tali konsiderazzjoni u hu neċessarju li jkun hemm evalwazzjoni appożita jekk l-applikant hux persuna idonea o meno għal tali pożizzjoni mill-awtorità regolatriċi konċernata f'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija.*
>
> *…*
>
> *Illi gwardjan privat irid, fost affarijiet oħra, ikun ta' eżempju għaċ-ċittadin f'dak li għandu x'jaqsam tħaris ta' liġijiet u żamma tal-ordni … Il-mestier in kwistjoni jirrikjedi, f'ċerti każijiet, kontroll ta' sitwazzjonijiet fejn ir-reazzjoni tal-gwardjan privat tista' ssolvi jew tgħarraq tali sitwazzjoni."*

Il-Qorti sejra tagħmel riferiment ukoll għal deċiżjoni fl-ismijiet **Edward Cernigliaro *vs.* Kummissarju tal-Pulizija**, (Rik. Nru 35/14) deċiża fit-13 ta' Novembru, 2014, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-7 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti qalet hekk:

> *"… huwa veru li r-rikorrenti f'età ferm iżgħar u ċioe meta kellu minn tmintax sa wieħed u għoxrin sena kien ikkommetta reati elenkati aktar 'il fuq, però t-Tribunal iħoss li għadda biżżejjed żmien biex ir-rikorrent jingħata ċans, wara dan iż-żmien kollu, "to prove himself". Ir-rikorrent jidher determinat li jmexxi ħajtu 'l quddiem, filwaqt li għaraf li dak li għamel fil-passat kien żbaljat …".*

Il-Qorti tqis li r-reat li nstab ħati li kkommetta l-appellat, minkejja li ċertament kien wieħed "gravi", madanakollu meta wieħed jikkonsidra l-assjem taċ-ċirkostanzi kif ippreżentati quddiem il-Qorti, jirriżulta ċar li dan kien l-uniku reat li l-appellat qatt ikkommetta f'ħajtu, u li l-esperjenza ta' priġunerija verament serviet biex l-appellat jirriabilita lilu nnifsu, tant hu hekk li llum jgħix

ħajja mill-aktar eżemplari u jinvolvi ruħu f'ħidma volontarja għall-ġid tal-komunità. Il-Qorti tqis li l-appellant ħa d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-applikazzjoni tal-appellat, billi kkonsidra biss il-fedina penali tal-appellat mingħajr ma kkonsidra wkoll l-aspetti l-oħra kollha tal-każ, u mingħajr ma bagħat għall-appellat u semgħu. Kuntrarjament għal dan, it-Tribunal sema' lill-appellat u x-xhieda mressqa minnu, li lkoll ikkonfermaw li l-appellat huwa persuna li rriforma ruħu u llum il-ġurnata qiegħed fit-triq it-tajba, tant hu hekk li llum qiegħed ikun ta' xempju għal bosta żgħażagħ billi jkellimhom u jikkonvinċihom biex jibqgħu 'l bogħod mill-kriminalità. Id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan il-każ għandha riperkussjonijiet fuq il-futur tal-appellat bħala xogħol, u għalhekk kien importanti li d-deċiżjoni tal-appellant tittieħed wara li jiġu kkonsidrati u stabbiliti l-fatti kollha tal-każ, partikolarment jekk is-sentenza ta' priġunerija skontata mill-appellat servietx ta' deterrent u sabiex dan jirriforma ruħu.

Din il-Qorti tqis li l-iżviluppi li seħħew matul is-snin fil-ħajja tal-appellat u r-rapporti pożittivi dwar l-imġiba tiegħu, ma kellhomx jiġu skartati mill-Kummissarju tal-Pulizija, li fid-deċiżjoni tiegħu kkonsidra biss ir-reat li tiegħu instab ħati l-appellat diversi snin ilu u xejn aktar. Dan mhuwiex mod raġonevoli kif l-appellant għandu jieħu deċiżjonijiet li jolqtu il-ħajja tal-individwi fil-laħam il-ħaj. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li l-Qorti, filwaqt li bl-ebda mod ma trid tagħti l-impressjoni li r-reat li l-appellat instab ħati tiegħu mhux wieħed gravi, madanakollu ma tqisx li kien fl-interess pubbliku li f'dan l-istadju ta' ħajtu l-appellat jibqa' jiġi penalizzat għall-uniku reat li qatt

ikkommetta, meta jirriżulta li llum il-ġurnata huwa qabad it-triq it-tajba u qiegħed ikun ta' eżempju għal ħaddieħor.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal, filwaqt li għal darb'oħra tirrakkomanda lill-Kummissarju tal-Pulizija jirrikkonsidra d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-applikazzjoni tal-appellat.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, u l-ispejjeż ta' din l-istanza huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**